

Lussemburgu, 17 ta' Ottubru 2016
(OR. fr)

13056/16

MAMA 200
CFSP/PESC 802
RELEX 825
TU 16

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ottubru 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	13049/16 MAMA 199 CFSP/PESC 799 RELEX 824 TU 15 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija - Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Ottubru 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tuneżija, kif adottati waqt it-3492 laqgħa tiegħu, li saret fis-17 ta' Ottubru 2016.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TUNEŻIJA**Kunsill Affarijiet Barranin, 17 ta' Ottubru 2016**

1. Il-Kunsill tenna lill-poplu Tuneżin l-impenn determinat tiegħu li jappoġġa t-transizzjoni li hu beda fl-2011 għal-libertà, id-demokrazija, id-dinjità u l-ġustizzja soċjali. Sar progress konsiderevoli fil-qafas ta' din it-transizzjoni u dan hu sors ta' tama għar-reġjun u għall-bqija tad-dinja. Fl-istess ħin, it-Tuneżija qed tiffaċċja sfidi sinifikanti: sitwazzjoni soċjoekonomika diffiċli, theddid serju għas-sigurtà, u l-ħtieġa li l-kisbiet tal-Kostituzzjoni l-għdida jissarrfu fazzjoni konkreta. Dawn l-isfidi importanti jqiegħdu lill-pajjiż f'sitwazzjoni eċċezzjonali li għaliha l-Unjoni Ewropea biħsiebha tagħti rispons adegwat. Skont l-Istrateġija Globali tagħha, hu fl-interess strateġiku tal-UE li tikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-soċjetà Tuneżina u li tappoġġa l-iżvilupp ta' Tuneżija demokratika, b'saħħitha, u stabbli fil-viċinat tagħha.
2. Il-Kunsill jinsab kuntent bil-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea intitolata "Insaħħu l-appoġġ tal-UE għat-Tuneżija", u jtenni l-impenn tiegħu li jappoġġa bis-sħiħ il-konsolidazzjoni demokratika tat-Tuneżija, abbażi tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, governanza tajba u żvilupp soċjoekonomiku inklużiv u dejjiemi. L-appoġġ tal-UE għar-riformi maqbula mill-gvern Tuneżin u l-poplu tiegħu jibqa' kostanti u determinat. Dan l-appoġġ għandu jirriżulta wkoll fi djalogu politiku ta' livell għoli, aktar estensiv u aktar ambizzjuż minn qatt qabel, bejn it-Tuneżija u l-UE, fuq il-kwistjonijiet kollha ta' interess reċiproku. Iż-żjara li jmiss tal-President Tuneżin fl-istituzzjonijiet Ewropej tixhed ir-rieda komuni għal djalogu bħal dan.

3. Il-progress politiku jista' biss ikun sostnut jekk ikun akkumpanjat minn progress ekonomiku fuq skala simili. Il-Pjan ta' żvilupp tat-Tuneżija għal ħames snin, li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapida tiegħu huma kwistjoni ta' prijorità, huwa element essenzjali tal-proċess ta' riforma. Barra minn hekk, dan il-Pjan ser iservi ta' pilastru li jippermetti lil sħab it-Tuneżija jimmiraw l-appoġġ u l-assistenza finanzjarja tagħhom. Il-Konferenza Internazzjonali dwar il-Promozzjoni tal-Investment fit-Tuneżija, fid-29 u t-30 ta' Novembru li jmiss f'Tuneż, ser tkun okkażjoni biex l-UE ttenni l-appoġġ tagħha f'livell għoli ferm. Il-Kunsill jinkoraġġixxi missjonijiet Ewropej ta' livell għoli maħsuba biex isaħħu r-rabtiet ekonomiċi mat-Tuneżija.
4. Il-Kunsill ifaħħar l-approċċ irrakkomandat mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni għal rispons għan-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija, li għandu l-għan li jimmobilizza l-istrumenti kollha li l-UE għandha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż taħlita bbilanċjata ta' miżuri finanzjarji u mhux finanzjarji proporzjonati għall-iskala tal-materji inkwistjoni. Il-Kunsill jappoġġa b'mod partikolari t-tisħiħ tal-għajnuna finanzjarja tal-UE sa total ta' EUR 300 miljun għall-2017, u li jinżamm livell għoli ta' finanzjament sal-2020 abbażi tal-progress tar-riformi mħabbra fil-pjan ta' żvilupp strateġiku tal-Gvern, filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-pajjiż. Il-Kunsill jappoġġa wkoll it-tkomplija tal-għajnuna makrofinanzjarja tal-UE u jilqa' b'mod pożittiv l-adozzjoni reċenti tat-tieni programm għal ammont ta' EUR 500 miljun. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jeżaminaw il-possibbiltà ta' għajnuna finanzjarja u mhux finanzjarja komplementari. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni mill-Assemblea tar-Rappreżentanti tal-Poplu Tuneżin tal-liġi l-ġdida dwar l-investimenti u jappella lill-Gvern biex jgħaddi malajr għall-implimentazzjoni tagħha sabiex jitjieb l-ambjent tan-negozju u tkun tista' tingħata spinta qawwija lill-investment fit-Tuneżija.

5. Il-Kunsill hu tal-fehma li l-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni għandha sservi ta' xprun biex l-UE u l-Istati Membri jsaħħu l-impenn tagħhom b'appoġġ għat-transizzjoni fit-Tuneżija u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Tuneżini. Ir-rwol attiv tal-awtoritajiet Tuneżini f'dan il-proċess hu determinanti biex jiġi żgurat użu aħjar u aktar effiċjenti tal-appoġġ finanzjarju tal-UE u tas-sħab internazzjonali l-oħra.
6. L-UE tappella lit-Tuneżija biex tipproċedi bl-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Kostituzzjoni, bit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u bil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li tibqa' tappoġġa bis-sħiħ dan il-proċess storiku. L-UE thegġegħ sabiex isiru elezzjonijiet lokali trasparenti u inklużivi, u lesta li tappoġġa l-organizzazzjoni u l-osservazzjoni tagħhom.

L-UE tappella wkoll lit-Tuneżija biex tissokta bl-isforzi tagħha għat-tisħiħ tal-governanza tajba, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll tas-settur tal-ġustizzja, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li huma elementi essenzjali għas-suċċess tal-irkupru politiku u ekonomiku tat-Tuneżija. L-UE u l-Istati Membri tagħha lesti jappoġġjaw ir-riformi f'dawn l-oqsma, inkluż billi jinqasmu t-tagħlimiet meħuda mit-transizzjonijiet li seħħew fl-Ewropa.
7. L-UE tilqa' t-tħabbira tar-riformi strutturali mill-gvern il-ġdid Tuneżin u thegġegħ sabiex dawn jiġu implimentati. Tinsab lesta li tappoġġa dawn ir-riformi konformement mal-approċċ deċentralizzat, l-oġettiv ta' koeżjoni soċjali u territorjali u l-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli u ġust previst fil-Kostituzzjoni. It-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u reġjonali, b'mod partikolari tar-reġjuni taċ-Ċentru u tan-Nofsinhar, aktar ugwaljanza fl-opportunitajiet għal kulħadd u t-tisħiħ tar-rwol tan-nisa huma essenzjali għar-reżiljenza soċjoekonomika tat-Tuneżija. Ir-riformi Tuneżini maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi soċjoekonomiċi li jolqtu liż-żgħażaġh, b'mod partikolari offerta msaħħa fl-educazzjoni u l-impjieg għaż-żgħażaġh, huma wkoll fundamentali u l-UE biħsiebha tappoġġahom ukoll.

8. L-UE tilqa' l-progress li sar fin-negozjati dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA). L-UE tikkonferma l-impenn tagħha li taħdem mat-Tuneżija biex tinkiseb konklużjoni rapida ta' ftehim ambizzjuż, abbażi ta' approċċ asimetriku favur it-Tuneżija, bil-għan li dan isir parti sostanzjali mill-appoġġ għad-diversifikazzjoni ekonomika tal-pajjiż u l-iżvilupp soċjoekonomiku tiegħu. Għal dan il-għan, l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa n-negozjati u l-implimentazzjoni ta' ftehim futur b'għabra ta' miżuri komplementari. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-UE biex teżamina r-rotot kollha ta' implimentazzjoni tal-inizjattivi previsti fil-Komunikazzjoni konġunta b'appoġġ għat-tkabbir fit-Tuneżija u għall-ambjent tan-negozju.
9. L-appoġġ u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' transizzjoni demokratika tat-Tuneżija għadha waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-UE. Hija ser tkompli thegġegħ lis-soċjetà ċivili biex tiegħu sehem fid-djalogu mal-awtoritajiet, f'kull qasam ta' azzjoni u, b'mod partikolari, permezz tad-djalogu tripartitiku bejn l-UE, il-Gvern Tuneżin u s-soċjetà ċivili. Is-soċjetà ċivili għandha wkoll tassumi r-responsabbiltà għall-promozzjoni tal-proċess ta' riforma meħtieġa.
10. L-UE tfakkar fl-importanza tat-tisħiħ tad-djalogu u tal-kooperazzjoni reġjonali u subreġjonali Ewro-Mediterranja, kemm f'termini ta' paċi u sigurtà kif ukoll f'termini ta' integrazzjoni ekonomika, inkluż fis-settur tal-enerġija. Hija tappoġġa bis-sħiħ il-proġetti strutturali mwettqa fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran u tfaħħar f'dan ir-rigward l-involviment tat-Tuneżija u l-ewwel proġetti mnedija, b'mod partikolari f'Bizerte.

11. L-UE u t-Tuneżija qed jiffaċċjaw sfidi komuni ta' sigurtà li jeħtieġu azzjonijiet konġunti miż-żewġ naħat, b'rispett għall-valuri komuni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. B'segwitu għad-djalogu politiku msaħħa u ta' livell għoli bejn l-UE u t-Tuneżija dwar is-sigurtà u l-għieda kontra t-terroriżmu li sar fl-2015, l-UE saħħet il-kooperazzjoni tagħha mat-Tuneżija f'dawn l-oqsma. L-UE tikkondividi l-preokkupazzjonijiet tal-gvern Tuneżin b'rabta mar-riperkussjonijiet tal-kriżi Libjana fuq it-Tuneżija. L-UE biħsiebha ssaħħa l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni estensiva tagħha mat-Tuneżija fis-settur tas-sigurtà, fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, abbażi tal-proposti li saru fil-Komunikazzjoni Konġunta u d-djalogu msaħħa.
12. L-UE tixtieq issaħħa il-kooperazzjoni tagħha mat-Tuneżija fil-qasam tal-migrazzjoni u l-mobbiltà, li jikkostitwixxu prijorità komuni. L-UE biħsiebha timmira l-appoġġ tagħha sabiex tindirizza l-migrazzjoni irregolari u tittratta l-kawżi fundamentali tagħha, permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp soċjoekonomiku. L-UE thegheg lit-Tuneżija biex tieħu sehem attiv fis-Sħubija għall-Mobbiltà, fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta kif ukoll fil-proċess ta' Rabat u ta' Khartoum, u biex tagħmel użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti mill-kooperazzjoni mal-UE, inkluż il-fond fiduċjarju ta' emerġenza favur l-istabbiltà u l-għieda kontra l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-fenomeni tal-persuni spostati fl-Afrika. L-UE tilqa' t-tnedija fit-12 ta' Ottubru 2016 tan-negozjati dwar il-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża u dwar ir-riammissjoni u thegheg lit-Tuneżija biex tkun l-ewwel pajjiż fil-viċinat tan-Nofsinhar li jikkonkludi dawn it-tipi ta' ftehim ambizzjużi u effettivi.
13. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jiżguraw monitoraġġ regolari, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tal-implimentazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni Konġunta ta' appoġġ għat-Tuneżija.